**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta’ sessjoni*

**B10-0083/2025**

20.1.2025

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 136(2) tar-Regoli ta’ Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela wara l-użurpazzjoni tal-presidenza fl-10 ta’ Jannar 2025
(2025/2519(RSP))

**Carlo Fidanza, Adam Bielan, Mariusz Kamiński, Alberico Gambino, Waldemar Tomaszewski, Joachim Stanisław Brudziński, Diego Solier, Rihards Kols, Ondřej Krutílek, Jaak Madison, Nora Junco García, Şerban Dimitrie Sturdza, Sebastian Tynkkynen, Veronika Vrecionová, Małgorzata Gosiewska, Jadwiga Wiśniewska, Alexandr Vondra**
f’isem il-Grupp ECR

**B10-0083/2025**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela wara l-użurpazzjoni tal-presidenza fl-10 ta' Jannar 2025**
**(2025/2519(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Venezwela,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà f'isem l-Unjoni Ewropea tal-10 ta' Jannar 2025 dwar l-avvenimenti tal-10 ta' Jannar 2025,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-G7 tal-Kanada, ta' Franza, tal-Ġermanja, tal-Italja, tal-Ġappun, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti tal-Amerka u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea tal-10 ta' Jannar 2025 dwar in-nuqqas ta' leġittimità demokratika fl-inawgurazzjoni presidenzjali fil-Venezwela,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-Dipartiment tal-Istat tal-Istati Uniti tal-10 ta' Jannar 2025 bit-titlu "Condemning Nicolás Maduro's illegitimate attempt to seize power in Venezuela and announcing new actions against Maduro and his representatives and to support the Venezuelan people" (Nikkundannaw it-tentattiv illeġittimu ta' Nicolás Maduro li jaħtaf il-poter fil-Venezwela u nħabbru azzjonijiet ġodda kontra Maduro u r-rappreżentanti tiegħu b'appoġġ għall-poplu Venezwelan),

– wara li kkunsidra r-rapporti u d-dikjarazzjonijiet tal-Missjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Ġbir ta' Informazzjoni tan-NU dwar ir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela dwar is-sitwazzjoni fil-pajjiż wara l-elezzjoni presidenzjali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni Inter-Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tas-27 ta' Diċembru 2024 bit-titlu "Graves violaciones a los Derechos humanos en el contexto electoral" (Il-Venezwela: ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem wara l-elezzjonijiet),

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-tim tal-osservaturi tal-elezzjonijiet tal-Carter Center dwar l-elezzjoni tal-Venezwela,

– wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI),

– wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni Venezwelana,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 136(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-elezzjoni presidenzjali li saret fit-28 ta' Lulju 2024 fil-Venezwela ma ssodisfatx l-istandards minimi internazzjonali għal proċess kredibbli u ma rrispettatx il-prinċipji tal-pluraliżmu politiku, tad-demokrazija, tat-trasparenza jew tal-istat tad-dritt;

B. billi f'dawn l-aħħar xhur, l-awtoritajiet Venezwelani rrifjutaw li jippubblikaw l-għadd tal-voti uffiċjali mill-postijiet tal-votazzjoni, u b'hekk ma ppermettewx li r-riżultati

mħabbra jiġu vverifikati jew rikonoxxuti bħala rappreżentanti tar-rieda tal-poplu;

C. billi fl-10 ta' Jannar 2025, minkejja l-oppożizzjoni u l-fatt li l-komunità internazzjonali ma kinitx irrikonoxxiet ir-rebħa tiegħu fl-elezzjoni presidenzjali tat-28 ta' Lulju, Nicolás Maduro ħa l-ġurament għat-tielet mandat konsekuttiv bħala president, biex jiggverna lill-Venezwela għas-sitt snin li ġejjin;

D. billi Maduro ħa mandat ġdid mingħajr evidenza ċara ta' appoġġ għall-elezzjoni tiegħu, fin-nuqqas ta' kwalunkwe trasparenza u rispett għad-drittijiet ċivili u politiċi tal-poplu Venezwelan; billi l-President elett Edmundo González Urrutia ġie furzat fl-eżilju wara li nħareġ mandat ta' arrest kontrih u wara li sar theddid serju għal ħajtu u għal ħajjet qrabatu, u dan waqqfu milli jieħu l-kariga bħala l-President leġittimu u elett demokratikament tal-Venezwela;

E. billi l-Missjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Ġbir ta' Informazzjoni tan-NU, fir-rapport l-aktar reċenti tagħha lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, iddeterminat li l-apparat repressiv tal-pajjiż għadu kompletament operattiv, u ddokumentat ir-repressjoni vjolenti tal-protesti wara l-elezzjoni presidenzjali tat-28 ta' Lulju, li hija ddeskriviet bħala waħda mill-aktar kriżijiet akuti tad-drittijiet tal-bniedem fl-istorja reċenti tal-pajjiż;

F. billi mill-elezzjoni presidenzjali 'l hawn, aktar minn 2 400 persuna, fosthom ċittadini tal-UE u ċittadini b'ċittadinanza doppja bħal Williams Dávila u Américo de Grazia, żewġ personalitajiet tal-oppożizzjoni magħrufa sew, kif ukoll politiċi, sindki, ġurnalisti u attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, ġew arrestati, filwaqt li 200 indarbu u nqatlu 28; billi skont l-aħħar data mill-organizzazzjoni mhux governattiva (NGO) Foro Penal, 1 849 persuna għadhom f'detenzjoni għal raġunijiet politiċi filwaqt li qed jiffaċċjaw diversi irregolaritajiet u restrizzjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tagħhom għall-ikel, għas-saħħa u għall-aċċess għal garanziji legali essenzjali fil-proċessi legali li għaddejjin;

G. billi hekk kif kienet qed toqrob iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni, għexieren ta' ġurnalisti u mexxejja u attivisti tal-partit tal-oppożizzjoni reġgħu bdew jiġu arrestati, fosthom Rafael Tudares, l-iben tar-rispett ta' Edmundo González Urrutia, l-eks kandidat presidenzjali Enrique Márquez u ċittadini tal-UE bħal Alberto Trentini, ħaddiem ta' NGO Taljana arrestat fil-Venezwela f'Novembru 2024 mingħajr akkużi formali kontrih; billi għadd kbir ta' persuni għadhom neqsin jew għebu;

H. billi r-reġim skjera 20 000 forza ta' operazzjonijiet speċjali, inkluża unità ġdida ta' rispons rapidu stabbilita f'dawn l-aħħar xhur; billi twaqqfu punti ta' kontroll u qed jintużaw droni għall-monitoraġġ tat-toroq, speċjalment fil-belt kapitali;

I. billi fid-9 ta' Jannar 2025, eżatt qabel l-inawgurazzjoni kkontestata ta' Maduro, il-mexxejja tal-oppożizzjoni Venezwelana María Corina Machado dehret pubblikament għall-ewwel darba wara li kienet ilha moħbija għal 133 jum, waqt protesta f'Caracas, u, hekk kif kienet se titlaq mil-laqgħa, ġiet arrestata minn uffiċjali armati li sparaw fuq id-delegazzjoni tagħha; billi aktar tard inħelset;

J. billi l-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb 2024 ingħata lil María Corina Machado, li kienet ġiet imġiegħla tinħeba minħabba biża' ta' rappreżalji mir-reġim ta' Maduro, u

lill-President elett Edmundo González Urrutia; billi dan huwa wkoll ġieħ lil kull Venezwelan li jirreżisti l-inġustizzja u l-oppressjoni, fil-ġlieda għal-libertà u d-demokrazija;

K. billi skont l-Aġenzija tan-NU għar-Rifuġjati, sa mill-2014 telqu mill-pajjiż aktar minn 7.7 miljun Venezwelan, l-akbar eżodu fl-istorja reċenti tal-Amerka Latina u waħda mill-akbar kriżijiet ta' spostament fid-dinja;

L. billi fit-13 ta' Jannar 2025, f'azzjoni unilaterali, il-Venezwela ħabbret li se tillimita l-għadd ta' diplomatiċi akkreditati minn Franza, mill-Italja u min-Netherlands;

M. billi l-UE, il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti imponew sanzjonijiet ġodda fuq uffiċjali ta' livell għoli allinjati ma' Maduro u li huma responsabbli għad-dgħajfien tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt jew tad-drittijiet tal-bniedem fil-Venezwela; billi dawn il-miżuri għandhom l-għan li jintensifikaw l-isforzi internazzjonali biex tinżamm il-pressjoni fuq Maduro u r-rappreżentanti tiegħu, u mhumiex qed jaffettwaw lill-poplu Venezwelan jew lill-ekonomija;

1. Jiddeplora l-fatt li Nicolás Maduro ħa mandat ġdid mingħajr evidenza ċara ta' appoġġ għall-elezzjoni tiegħu, fin-nuqqas ta' kwalunkwe trasparenza u rispett għad-drittijiet ċivili u politiċi tal-poplu Venezwelan;

2. Jappella lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, kif ukoll lill-komunità internazzjonali, ikomplu jaħdmu għal tranżizzjoni paċifika u demokratika fil-Venezwela sabiex il-preferenza espressa mill-poplu Venezwelan għall-President elett Edmundo González Urrutia, u l-aspirazzjonijiet leġittimi tiegħu ta' libertà u demokrazija, ikunu jistgħu finalment isiru realtà;

3. Jilqa' l-fatt li diversi stati demokratiċi diġà rrikonoxxew lil Edmundo González Urrutia bħala l-President li għadu kif ġie elett; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Venezwelani jirrevokaw il-mandat ta' arrest mhux ġustifikat maħruġ għall-President elett González Urrutia;

4. Ifaħħar ir-reżiljenza tal-oppożizzjoni demokratika u l-impenn tal-poplu Venezwelan għad-demokrazija fid-dawl tar-repressjoni u l-avversità; itenni l-appoġġ tiegħu għar-rieda tal-poplu Venezwelan, kif espress permezz tal-vot, kif ukoll għar-restawr paċifiku tad-demokrazija fil-Venezwela u għall-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha detenuti inġustament;

5. Iħeġġeġ lir-reġim jerġa' jistabbilixxi l-ordni kostituzzjonali, is-separazzjoni tas-setgħat u l-indipendenza tal-fergħat tal-gvern; jikkundanna bil-qawwa l-vjolenza, l-arresti arbitrarji u d-detenzjonijiet, il-qtil u l-vittmi, li seħħew wara l-elezzjoni u li għadhom għaddejjin, u jesprimi l-kondoljanzi sinċieri tiegħu lill-qraba tal-vittmi; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Venezwelani jtemmu l-abbużi u l-ksur kollu tad-drittijiet tal-bniedem u jobbligaw lil dawk responsabbli jagħtu kont ta' għemilhom, u jiżguraw li l-libertajiet fundamentali u d-drittijiet kollha tal-bniedem jiġu rispettati bis-sħiħ;

6. Jissottolinja għal darb'oħra d-dritt tal-Venezwelani kollha li jagħmlu dimostrazzjonijiet paċifiċi u jesprimu liberament l-opinjonijiet politiċi tagħhom mingħajr biża' ta' rappreżalja; itenni t-talba tiegħu għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet tal-mexxejja politiċi u soċjali, tal-priġunieri politiċi u tad-dimostranti paċifiċi kollha

arrestati arbitrarjament;

7. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar l-arrest, fid-9 ta' Jannar 2025, tal-mexxej tal-oppożizzjoni Venezwelana María Corina Machado, li ġiet interċettata b'mod vjolenti u arrestata għal żmien qasir wara li mexxiet dimostrazzjoni paċifika f'Caracas, waqt l-ewwel dehra pubblika tagħha wara xhur ta' ħabi furzat;

8. Jenfasizza l-fatt li l-Venezwelani qed jiffaċċjaw kontinwament kriżi umanitarja u repressjoni tal-istat u qed ikomplu jaħarbu mill-pajjiż biex ifittxu kundizzjonijiet tal-għajxien u sikurezza aħjar; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-riperkussjonijiet fuq l-istabbiltà u l-prosperità fir-reġjun, inkluż fil-pajjiżi ġirien;

9. Jiddeplora l-aħħar deċiżjoni unilaterali mill-awtoritajiet Venezwelani li jnaqqsu sostanzjalment il-persunal diplomatiku akkreditat ta' Franza, tal-Italja u tan-Netherlands; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Venezwelani jikkonformaw mal-obligi skont id-dritt internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi u l-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari;

10. Jieħu nota tan-nuqqas min-naħa tar-reġim Venezwelan li jirrispetta u jimplimenta bis-sħiħ il-Ftehim ta' Barbados fir-rigward tal-elezzjoni presidenzjali, li jagħmilha impossibbli li jiġu organizzati elezzjonijiet ħielsa u ġusti;

11. Jitlob li titneħħa b'mod immedjat u mingħajr kundizzjonijiet l-iskwalifika ta' 15-il sena mill-kariga li ġiet imposta fuq María Corina Machado, rebbieħa tal-Premju Sakharov 2024, li għadha qed tiġi mġiegħla tinħeba minħabba biża' ta' rappreżalji mir-reġim ta' Maduro, u li jitneħħew il-projbizzjonijiet fuq personalitajiet politiċi oħra tal-oppożizzjoni, biex ikunu jistgħu joħorġu għall-elezzjoni;

12. Jiddeplora l-allinjament tal-Venezwela mar-Russja, maċ-Ċina, mal-Iran, mal-Korea ta' Fuq, ma' Kuba, man-Nikaragwa u ma' reġimi dittatorjali oħra;

13. Jilqa' d-deċiżjoni mill-UE, mill-Kanada, mir-Renju Unit u mill-Istati Uniti li jimponu sanzjonijiet ġodda fuq uffiċjali ta' livell għoli allinjati ma' Maduro li huma responsabbli għad-dgħajfien tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt jew tad-drittijiet tal-bniedem fil-Venezwela;

14. Jappoġġja bis-sħiħ l-investigazzjonijiet tal-QKI dwar id-delitti u l-atti ta' repressjoni estensivi mir-reġim Venezwelan u jappella lill-UE tappoġġja l-investigazzjonijiet dwar l-allegati delitti kontra l-umanità fil-pajjiż biex dawk responsabbli jagħtu kont ta' għemilhom;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU u lill-awtoritajiet Venezwelani.